

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1290

tat-22 ta' Lulju 2022

li jemenda l-Annessi II, III u IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-livelli massimi ta' residwu għall-ametoktradin, il-klormekwat, id-dodina, in-nikotina, il-profenofos u l-*ispodoptera exigua multicapsid nucleopolyhedrovirus* (SeMNPV) iżolat BV-0004 f'ċerti prodotti jew fuqhom

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1) u l-Artikolu 14(1)(a) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-livelli massimi tar-residwi (MRLs) għall-ametodaktrin u d-dodina ġew stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. L-MRLs għall-klormekwat u għan-nikotina ġew stabbiliti fil-Parti A tal-Anness III ta' dak ir-Regolament. Għall-profenofos, ġew stabbiliti MRLs fl-Anness II u l-Parti B tal-Anness III ta' dak ir-Regolament. Ma kinux stabbiliti MRLs speċifiċi għall-*ispodoptera exigua multicapsid nucleopolyhedrovirus* (SeMNPV) iżolat BV-0004 fir-Regolament (KE) Nru 396/2005, u dik is-sustanza lanqas ma ddaħħlet fl-Anness IV ta' dak ir-Regolament, u għaldaqstant japplika l-valur prestabbilit ta' 0,01 mg/kg stipulat fl-Artikolu 18(1)(b) tiegħu.
- (2) Fil-kuntest ta' proċedura għall-awtorizzazzjoni tal-użu ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti li fih is-sustanza attiva ametoktradin fuq għelejjel li jistgħu jkunu attraenti għan-naħal u li jistgħu jirriżultaw f'residwi ta' għasel, tressqet applikazzjonijiet skont l-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 li jitolbu modifika għall-MRLs eżistenti għall-għasel.
- (3) Għad-dodina, tressqet applikazzjoni skont l-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 li titlob modifika tal-MRLs eżistenti għall-frott taċ-ċitru.
- (4) F'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005, dawk iż-żewġ applikazzjonijiet ġew evalwati mill-Istati Membri kkonċernati u r-rapporti ta' evalwazzjoni ntbagħtu lill-Kummissjoni.
- (5) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") invaluat l-applikazzjonijiet u r-rapporti tal-evalwazzjonijiet u b'mod partikolari eżaminat ir-riskji għall-konsumaturi, u fejn rilevanti, ir-riskji għall-annimali, u ħarġet l-opinjoni motivati tagħha dwar l-MRLs proposti ⁽²⁾. L-Awtorità baġtet dawk l-opinjoni lill-applikanti, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, u qegħdithom għad-dispożizzjoni tal-pubbliku.
- (6) L-Awtorità kkonkludiet li r-rekwiżiti kollha fir-rigward tal-kompletezza għat-tressiq tad-data ġew issodisfati, u li abbażi tal-valutazzjoni tal-esponiment tal-konsumaturi għal 27 grupp speċifiku Ewropew tal-konsumaturi, il-modifiki lill-MRLs mitluba mill-applikanti kienu aċċettabbli mil-lat tas-sikurezza tal-konsumaturi. B'din il-konklużjoni, l-Awtorità qieset l-aktar informazzjoni reċenti dwar il-proprjetajiet tossikoloġiċi tas-sustanzi. La l-esponiment tul il-ħajja għal dawk is-sustanzi permezz tal-konsum tal-prodotti kollha tal-ikel li jista' jkun fihom dawn is-sustanzi, u lanqas l-esponiment għal perjodu qasir minħabba konsum kbir tal-prodotti rilevanti ma wrew li hemm riskju li tinqabeż id-doża aċċettabbli ta' kuljum jew id-doża akuta ta' referenza.

⁽¹⁾ ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1.

⁽²⁾ Ir-rapporti xjentifiċi tal-EFSA disponibbli online: <http://www.efsa.europa.eu>:

Reasoned Opinion on the modification of the existing maximum residue level for ametoctradin in honey. EFSA Journal 2021;19(11):6943.

Reasoned Opinion on the modification of the existing maximum residue levels for dodine in citrus fruits. EFSA Journal 2021;19(11):6950.

- (7) Għall-klormekwat, ġew stabbiliti MRLs temporanji bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/1561 ⁽³⁾ għall-faqqiegħ tal-gajdra u bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/693 ⁽⁴⁾ għall-faqqiegħ ikkultivat f' 6 mg/kg u 0,9 mg/kg rispettivament. Dawk l-MRLs temporanji ġew stabbiliti abbażi tad-*data* ta' monitoraġġ li turi li kien hemm residwi fuq faqqiegħ ikkultivat mhux ittrattat flivell ogħla mil-limitu ta' determinazzjoni minħabba l-kontaminazzjoni kroċjata tal-faqqiegħ kultivat bit-tiben legalment ittrattat bil-klormekwat. Dawn l-MRLs temporanji ġew stabbiliti sat-13 ta' April 2021, sakemm tiġi sottomessa d-*data* ta' monitoraġġ dwar l-okkorrenza ta' dik is-sustanza fil-prodotti kkonċernati.
- (8) L-Awtorità u l-operaturi ta' negozju tal-ikel sottomettew *data* ta' monitoraġġ reċenti li turi li r-residwi tal-klormekwat għadhom iseħħu fil-faqqiegħ tal-gajdri u fil-faqqiegħ ikkultivat flivelli ogħla mil-limitu ta' determinazzjoni. Il-kultivaturi tal-faqqiegħ innotifikaw lill-Kummissjoni dwar studju wieħed li għaddej sabiex jiġu vvalutati l-livelli ta' kontaminazzjoni fil-faqqiegħ tal-gajdra u f'faqqiegħ ikkultivat ieħor. Ladarba l-istudju se jiġi konkluż fl-2022 u d-*data* miġbura mbagħad se tintbagħat lill-Kummissjoni, huwa xieraq li tkompli tiġi estiża l-validità ta' dawk l-MRLs temporanji għal sena mill-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.
- (9) L-MRLs temporanji għall-klormekwat ġew stabbiliti wkoll permezz tar-Regolament (UE) 2017/693 għal-lanġas għal 0,07 mg/kg, minħabba li d-*data* ta' monitoraġġ uriet persistenza fis-siġar bħala konsegwenza tal-użi preċedenti. Dawn l-MRLs temporanji ġew stabbiliti sat-13 ta' April 2021, sakemm tiġi sottomessa d-*data* ta' monitoraġġ dwar l-okkorrenza ta' dik is-sustanza fil-prodotti kkonċernati. L-Awtorità, l-Istati Membri u l-operaturi tan-negozji tal-ikel sottomettew *data* ta' monitoraġġ reċenti li turi li r-residwi ta' din is-sustanza flivelli ogħla mil-limitu ta' determinazzjoni għadha tokkorri fil-lanġas. Huwa għalhekk xieraq li jitkompla l-monitoraġġ fuq il-livelli ta' klormekwat fil-lanġas u li tiġi estiża l-validità ta' dak l-MRL temporanju sa seba' snin mill-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.
- (10) Għan-nikotina, l-MRLs temporanji ġew stabbiliti bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/978 ⁽⁵⁾ għall-faqqiegħ selvaġġ (faqqiegħ porċini mnixxfen u faqqiegħ selvaġġ innixxfen li mhumiex porċini) sad-19 ta' Ottubru 2021, fl-istennija tas-sottomissjoni u l-evalwazzjoni ta' *data* ġdida u informazzjoni dwar l-okkorrenza jew il-formazzjoni naturali tan-nikotina fil-prodotti kkonċernati. L-evidenza xjentifika mhijiex konklużiva biex turi li n-nikotina tinstab b'mod naturali fil-prodotti kkonċernati u biex jiġi spjegat il-mekkaniżmu tal-formazzjoni. L-Awtorità u l-operaturi ta' negozju tal-ikel sottomettew *data* ta' monitoraġġ reċenti li turi li r-residwi ta' din is-sustanza għadhom jokkorru flivelli ogħla mil-limitu ta' determinazzjoni. Huwa għalhekk xieraq li jitkompla l-monitoraġġ fuq il-livelli ta' nikotina f'dawk il-prodotti u li tiġi estiża l-validità ta' dawk l-MRLs temporanji sa seba' snin mill-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.
- (11) Għall-profenofos, ġie stabbilit MRL temporanju bir-Regolament (UE) 2017/978 għall-petali tal-ward sat-18 ta' Ottubru 2021, sakemm tiġi sottomessa d-*data* ta' monitoraġġ dwar l-okkorrenza ta' dik is-sustanza fil-prodott ikkonċernat. L-Awtorità u l-operaturi tan-negozji tal-ikel issottomettew *data* ta' monitoraġġ reċenti li turi li r-residwi ta' din is-sustanza flivelli ogħla mil-limitu ta' determinazzjoni għadha tokkorri fil-petali tal-ward. Huwa għalhekk xieraq li jitkompla l-monitoraġġ fuq il-livelli ta' profenofos fil-petali tal-ward u li tiġi estiża l-validità ta' dak l-MRL temporanju sa seba' snin mill-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.
- (12) Applikazzjoni għall-approvazzjoni tas-sustanza attiva *Spodoptera exigua multicapsid nucleopolyhedrovirus* (SeMNPV) iżolat BV-0004 ġiet sottomessa lil Stat Membru f'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁾. L-applikazzjoni ġiet evalwata mill-Istat Membru kkonċernat f'konformità mal-Artikolu 11(2) ta' dak ir-Regolament. L-awtorità vvalutat l-applikazzjoni u wasslet konklużjoni dwar

⁽³⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/1561 tas-17 ta' Settembru 2019 li jemenda l-Annessi II u III għar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livell massimu ta' residwi għall-chlormequat fil-faqqiegħ ikkultivat (ĠU L 240, 18.9.2019, p. 1).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/693 tas-7 ta' April 2017 li jemenda l-Annessi II, III u V tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-livelli massimi ta' residwi għal bitertanol, klormekwat u tebufenpirad f'ċerti prodotti jew fuqhom (ĠU L 101, 13.4.2017, p. 1).

⁽⁵⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/978 tad-9 ta' Ġunju 2017 li jemenda l-Annessi II, III u V tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għal fluwopiram; eżakloroċikloeżan (HCH), alfa-isomeru; l-eżakloroċikloeżan (HCH), beta-isomeru; l-eżakloroċikloeżan (HCH), somma ta' isomeri, għajr il-gamma-isomeru; lindan (eżakloroċikloeżan (HCH), gamma-isomeru); nikotina u profenofos f'ċerti prodotti jew fuqhom (ĠU L 151, 14.6.2017, p. 1).

⁽⁶⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1).

l-evalwazzjoni bejn il-pari tal-valutazzjoni tar-riskju tal-pestiċidi tas-sustanza attiva (⁽⁷⁾), fejn hija rakkomandat l-inklużjoni tal-*Spodoptera exigua multicapsid nucleopolyhedrovirus* (SeMNPV) iżolat BV-0004 fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. Għalhekk huwa xieraq li dik is-sustanza tiġi inkluża fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

- (13) Abbażi tal-opinjoni motivati u tal-konklużjoni tal-Awtorità, u filwaqt li jitqiesu l-fatturi rilevanti elenkati fl-Artikolu 14(2) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005, il-modifiki rispettivi proposti għall-MRLs jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 14(2) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.
- (14) Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.
- (15) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi II, III u IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 huma emendati skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Lulju 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

⁽⁷⁾ Conclusion on the peer review of the pesticide risk assessment of the active substance *Spodoptera exigua multicapsid nucleopolyhedrovirus* (SeMNPV). EFSA Journal 2021;19(10):6848.

L-Annessi II, III u IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 huma emendati kif ġej:

(1) Fl-Anness II, il-kolonna għall-ametoktradin u d-dodina jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

“Anness II

Ir-residwi tal-pestiċidi u l-livelli massimi tar-residwi (mg/kg)

Numru tal-kodiċi	Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs (*)	Ametoktradin (R) (F)	Dodina
010000	FROTT, FRISK jew IFFRIŻAT; ĠEWŻ TAS-SIĠAR		
011000	Frott taċ-ċitru	0,01 (*)	1,5
0110010	Grejpfrut		
0110020	Larinġ		
0110030	Lumi		
0110040	Xkomp		
0110050	Mandolin		
0110990	Oħrajn (2)		
012000	Ġewż tas-siġar	0,01 (*)	0,01 (*)
0120010	Lewż		
0120020	Ġewż tal-Brażil		
0120030	Ġewż tal-anakardju		
0120040	Qastan		
0120050	Ġewż tal-Indi		
0120060	Ġellewż		
0120070	Macadamia		
0120080	Ġewż Amerikan		
0120090	Qlub tal-ġewż tal-arżnu		

0120100	Pistaċċi		
0120110	Ġewż		
0120990	Oħrajn (2)		
0130000	Pomu	0,01 (*)	
0130010	Tuffieħ		0,9
0130020	Laṅgas		0,9
0130030	Sfarġel		5
0130040	Naspli		5
0130050	Naspli tal-Ġappun		5
0130990	Oħrajn (2)		0,9
0140000	Frott tal-għadma	0,01 (*)	
0140010	Berquq		0,1
0140020	Ċiras (ħelu)		3
0140030	Ħawħ		0,1
0140040	Għanbaqar		0,01 (*)
0140990	Oħrajn (2)		0,01 (*)
0150000	Kukku u frott żgħir ieħor		0,01 (*)
0151000	(a) għeneb	6	
0151010	Għeneb tal-mejda		
0151020	Għeneb għall-inbid		
0152000	(b) frawli	0,01 (*)	
0153000	(c) frott tal-kannamiela	0,01 (*)	
0153010	Tut		
0153020	Tut salvaġġ		
0153030	Lampun (aħmar u isfar)		
0153990	Oħrajn (2)		
0154000	(d) frott żgħir u kukku oħrajn	0,01 (*)	
0154010	Mirtill		
0154020	Cranberries		

0154030	Ribes (ħamra, sewda u bajda)		
0154040	Ribes bix-xewk (ħodor, ħomor u sofor)		
0154050	Warda skoççiża		
0154060	Ċawsli (iswed u abjad)		
0154070	Ghanzalur/naspli tal-Mediterran		
0154080	Frott tas-sebuqa		
0154990	Oħrajn (2)		
0160000	Frott ta' diversi tipi bl-affarijiet li ġejjin:	0,01 (*)	
0161000	(a) b'qoxra li tittiekkel		
0161010	Tamal		0,01 (*)
0161020	Tin		0,01 (*)
0161030	Żebbuġ tal-mejda		20
0161040	Larinġ tal-qsari		0,01 (*)
0161050	Karambola		0,01 (*)
0161060	Kaki		0,01 (*)
0161070	Għanbaqar ta' Ġava		0,01 (*)
0161990	Oħrajn (2)		0,01 (*)
0162000	(b) b'qoxra li ma tittikilx, u żgħir		0,01 (*)
0162010	Frott tal-Kiwi (aħdar, aħmar, isfar)		
0162020	Liċi		
0162030	Frott tal-passjoni		
0162040	Bajtar tax-xewk		
0162050	Tuffieħ stilla		
0162060	Frott tal-kaki tal-Virġinja		
0162990	Oħrajn (2)		
0163000	(c) b'qoxra li ma tittikilx, u kbir		
0163010	Avokado		0,01 (*)
0163020	Banana		0,5
0163030	Mango		0,01 (*)

0163040	Papaja		0,01 (*)
0163050	Rummien		0,01 (*)
0163060	Ċerimoja		0,01 (*)
0163070	Gwava		0,01 (*)
0163080	Ananas		0,01 (*)
0163090	Frotta tas-siġra tal-ħobż		0,01 (*)
0163100	Durian		0,01 (*)
0163110	Il-frotta tal-annona		0,01 (*)
0163990	Oħrajn (2)		0,01 (*)
0200000	ĦAXIX, FRISK JEW IFFRIŻAT		
0210000	Ħxejjex tal-għeruoq u tat-tuberi		0,01 (*)
0211000	(a) patata	0,05	
0212000	(b) ħxejjex tropikali tal-għeruoq u tat-tuberi	0,05	
0212010	Għeruoq tal-kassava		
0212020	Patata ħelwa		
0212030	Jammijiet		
0212040	Ararut		
0212990	Oħrajn (2)		
0213000	(c) ħxejjex oħra tal-għeruoq u tat-tuberi minbarra l-pitravi ħelwa	0,01 (*)	
0213010	Pitravi		
0213020	Zunnarija		
0213030	Celeriac/Krafes bl-għeruoq/krafes Ġermaniżi		
0213040	Għeruoq tal-mustarda		
0213050	Artiċokks		
0213060	Zunnarija bajda		
0213070	Tursin ta' Hamburg		
0213080	Ravanell		
0213090	Leħjet il-bodbod		
0213100	Swedes		

0213110	Lift		
0213990	Oħrajn (2)		
0220000	Ħxejjex tal-basla		0,01 (*)
0220010	Tewm	1,5	
0220020	Basal	1,5	
0220030	Xalotti	1,5	
0220040	Basal tar-Rebbiegħa/basal aħdar u basal ta' Wales	20(+)	
0220990	Oħrajn (2)	0,01 (*)	
0230000	Ħxejjex tal-frott		0,01 (*)
0231000	Ħxejjex tal-frott tal-familja tas-Solanaceae u tal-familja tal-Malvaceae		
0231010	Tadam	2	
0231020	Bżar ħelu	1,5	
0231030	Brunġiel	2	
0231040	Bamja	1,5	
0231990	Oħrajn (2)	1,5	
0232000	(b) kukurbiti b'qoxra li tittiekkel		
0232010	Ħjar	2	
0232020	Ħjar tal-pikles	3	
0232030	Zukkini	3	
0232990	Oħrajn (2)	3	
0233000	(b) kukurbiti b'qoxra li ma tittikilx	3	
0233010	Bettieħ		
0233020	Qara' aħmar		
0233030	Dulliegħ		
0233990	Oħrajn (2)		
0234000	(d) qamħirrum ħelu	0,01 (*)	
0239000	(e) ħxejjex tal-frott oħrajn	0,01 (*)	

0240000	Ħxejjex tal-Brassika (minbarra l-għeruq tal-brassika u l-ħxejjex tal-brassika tal-weraq żgħir)		0,01 (*)
0241000	(a) Brassika li tagħmel il-fjuri	9	
0241010	Brokkli		
0241020	Pastard		
0241990	Oħrajn (2)		
0242000	(b) kaboċċi kkapoċċati		
0242010	Kaboċċi ta' Brussell/kaboċċi taz-zokk	9	
0242020	Kaboċċa kkapoċċati	15	
0242990	Oħrajn (2)	0,01 (*)	
0243000	(c) brassika bil-weraq		
0243010	Kaboċċi Ċiniżi	60	
0243020	Kaboċċi ("kales")	50	
0243990	Oħrajn (2)	0,01 (*)	
0244000	(d) għdur	9	
0250000	Ħxejjex tal-weraq, ħxejjex aromatiċi u fjuri li jittieklu		
0251000	(a) ħass u ħxejjex oħrajn tal-insalata		0,01 (*)
0251010	ħass tal-ħaruf/ Insalata tal-qamħ	70	
0251020	ħass	50	
0251030	Skalora/indivja bil-weraq wesgħin	50	
0251040	Krexxuni u nebbieta u rimi oħrajn	50	
0251050	Krexxuni tal-art	50	
0251060	Aruka	50	
0251070	Mustarda ħamra	50	
0251080	Ħxejjex tal-weraq żgħir (fosthom l-ispeċijiet tal-brassika)	50	
0251990	Oħrajn (2)	0,01 (*)	
0252000	(c) spinaċi u weraq simili	60	0,01 (*)
0252010	Spinaċi		
0252020	Burdliq		
0252030	Weraq tas-selq		

0252990	Oħrajn (2)		
0253000	(c) weraq tad-dwieli u speċijiet simili	50	0,01 (*)
0254000	(d) krexxuni	50	0,01 (*)
0255000	(e) ċikwejra	0,01 (*)	0,01 (*)
0256000	(f) ħxejjex aromatiċi u fjuri li jittieklu		0,02 (*)
0256010	Maxxita	50	
0256020	Kurrat selvaġġ	40	
0256030	Weraq tal-karfus	40	
0256040	Tursin	40	
0256050	Salvja	40	
0256060	Klin	40	
0256070	Timu	40	
0256080	Ħabaq u fjuri li jittieklu	40	
0256090	Weraq tar-rand	40	
0256100	Stregun	40	
0256990	Oħrajn (2)	40	
0260000	Legumi	0,01 (*)	0,01 (*)
0260010	Fażola (bl-imżiewed)		
0260020	Fażola (bla mżiewed)		
0260030	Piżelli (bl-imżiewed)		
0260040	Piżelli (bla mżiewed)		
0260050	Għads		
0260990	Oħrajn (2)		
0270000	ħxejjex biz-zokk		0,01 (*)
0270010	Spraġ	0,01 (*)	
0270020	Kardun	0,01 (*)	
0270030	Krafes	20	
0270040	Bużbież ta' Firenze	20	
0270050	Qaqoċċ	0,01 (*)	

0270060	Kurrat	5	
0270070	Rabarbru	0,01 (*)	
0270080	Rimi tal-pjanta tal-bambu	0,01 (*)	
0270090	Qlub tal-palm	0,01 (*)	
0270990	Oħrajn (2)	0,01 (*)	
0280000	Faqqiegħ, ħażiż u likeni	0,01 (*)	0,01 (*)
0280010	Faqqiegħ ikkultivat		
0280020	Faqqiegħ salvaġġ		
0280990	Ħażiż u likeni		
0290000	Alka u organiżmi prokarjoti	0,01 (*)	0,01 (*)
0300000	BUS U ĦEMES	0,01 (*)	0,01 (*)
0300010	Fażola		
0300020	Għads		
0300030	Piżelli		
0300040	Lupini/fażola tal-lupini		
0300990	Oħrajn (2)		
0400000	ŻRIERAGĦ TAŻ-ŻEJT U FROTT TAŻ-ŻEJT	0,01 (*)	
0401000	Żrieragħ taż-żejt		0,01 (*)
0401010	Żerriegħa tal-kittien		
0401020	Karawett		
0401030	Żerriegħa tal-peprin		
0401040	Ġulġlien		
0401050	Żerriegħa tal-ġirasol		
0401060	Żerriegħa tal-lift		
0401070	Fażola tas-sojja		
0401080	Żerriegħa tal-mustarda		
0401090	Żerriegħa tal-qoton		
0401100	Żerriegħa tal-qara' aħmar		
0401110	Żrieragħ tal-għosfor		

0401120	Żerriegħa tal-fiddloqom		
0401130	Żerriegħa tal-camelina sativa		
0401140	Qannebusa		
0401150	Fażola tar-rignu		
0401990	Oħrajn (2)		
0402000	Frott taż-żejt		
0402010	Żebbuġ maħsub għall-produzzjoni taż-żejt		20
0402020	Qlub tal-palm taż-żejt		0,01 (*)
0402030	Il-frott tal-palm taż-żejt		0,01 (*)
0402040	Kapok		0,01 (*)
0402990	Oħrajn (2)		0,01 (*)
0500000	ĊEREBALI	0,01 (*)	0,01 (*)
0500010	Xgħir	(+)	
0500020	Qamħ saraċin u ċereali foloz oħrajn		
0500030	Qamħirrum		
0500040	Millieġ komuni		
0500050	Ħafur	(+)	
0500060	Ross		
0500070	Segala	(+)	
0500080	Sorgu		
0500090	Qamħ	(+)	
0500990	Oħrajn (2)		
0600000	TEJJIET, KAFÈ, INFUŻJONIJIET ERBALI, KAWKAW U ĦARRUB	0,05 (*)	0,05 (*)
0610000	Tejjet		
0620000	Kafeni		
0630000	Infużjonijiet erbali mill-affarijiet li ġejjin:		
0631000	(a) mill-fjuri		
0631010	Kamumella		
0631020	Ibisku		

0631030	Ward		
0631040	Ġiżimin		
0631050	Tilju		
0631990	Oħrajn (2)		
0632000	(b) mill-weraq u mill-ħxejjex aromatiċi		
0632010	Frawla		
0632020	Rooibos		
0632030	Matè/Te tal-Paragwaj		
0632990	Oħrajn (2)		
0633000	(c) mill-għeruq		
0633010	Valerjana		
0633020	Ġinseng		
0633990	Oħrajn (2)		
0639000	(d) minn kull parti oħra tal-pjanta		
0640000	Żerriegħa tal-Kawkaw		
0650000	Ħarrub		
0700000	HOPS	90(+)	0,05 (*)
0800000	ĦWAWAR		
0810000	Ħwawar taż-żerriegħa	0,05 (*)	0,05 (*)
0810010	Ħlewwa		
0810020	Kemmun iswed		
0810030	Karfus		
0810040	Kosbor		
0810050	Kemmun		
0810060	Xibt		
0810070	Bużbież		
0810080	Fienu		
0810090	Noċemuskata		
0810990	Oħrajn (2)		

0820000	Ħwawar tal-frott	0,05 (*)	0,05 (*)
0820010	Bżar tal-Ġamajka/piment		
0820020	Bżar tas-Sichuan		
0820030	Karwija		
0820040	Kardamomu		
0820050	Frott tal-ġnibru		
0820060	Boċċi tal-bżar (suwed, ħodor u bojod)		
0820070	Vanilja		
0820080	Tamar tal-Indja/tamarindi		
0820990	Oħrajn (2)		
0830000	Ħwawar tal-qoxra tas-siġar	0,05 (*)	0,05 (*)
0830010	Kannella		
0830990	Oħrajn (2)		
0840000	Ħwawar tal-għeruq u tar-riżomi		
0840010	Għud is-sus	0,05 (*)	0,05 (*)
0840020	Ġiġer (10)		
0840030	Żaġħfran tal-Indja/kurkuma	0,05 (*)	0,05 (*)
0840040	Għerq tal-mustarda (11)		
0840990	Oħrajn (2)	0,05 (*)	0,05 (*)
0850000	Ħwawar tal-blanzuni	0,05 (*)	0,05 (*)
0850010	Imsiemer tal-qronfol		
0850020	Kappar		
0850990	Oħrajn (2)		
0860000	Il-ħwawar ta' qalb il-fjura	0,05 (*)	0,05 (*)
0860010	Żaġħfran		
0860990	Oħrajn (2)		
0870000	Ħwawar tal-aril	0,05 (*)	0,05 (*)
0870010	Il-qoxra ta' barra tan-noċemuskata		
0870990	Oħrajn (2)		

0900000	PJANTI TAZ-ZOKKOR	0,01 (*)	0,01 (*)
0900010	Pitravi ħelu		
0900020	Kannamieli		
0900030	Għeruq taç-Ċikwejra		
0900990	Oħrajn (2)		
1000000	PRODOTTI LI JORIĠINAW MILL-ANNIMALI – ANIMALI TERRESTRI		
1010000	Prodotti bażiċi mill-affarijiet li ġejjin:		0,01 (*)
1011000	(a) mill-ħnieżer	0,03 (*)	
1011010	Muskoli	(+)	
1011020	Xaħam	(+)	
1011030	Fwied	(+)	
1011040	Kliewi	(+)	
1011050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)		
1011990	Oħrajn (2)		
1012000	(b) mill-annimali bovini		
1012010	Muskoli	0,03 (*) (+)	(+)
1012020	Xaħam	0,03 (*) (+)	(+)
1012030	Fwied	0,04 (+)	(+)
1012040	Kliewi	0,03 (*) (+)	(+)
1012050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	0,03 (*)	
1012990	Oħrajn (2)	0,03 (*)	
1013000	(c) min-nagħaġ	0,03 (*)	
1013010	Muskoli	(+)	(+)
1013020	Xaħam	(+)	(+)
1013030	Fwied	(+)	(+)
1013040	Kliewi	(+)	(+)
1013050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)		
1013990	Oħrajn (2)		

1014000	(d) mill-mogħoż	0,03 (*)	
1014010	Muskoli	(+)	(+)
1014020	Xaħam	(+)	(+)
1014030	Fwied	(+)	(+)
1014040	Kliewi	(+)	(+)
1014050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)		
1014990	Oħrajn (2)		
1015000	(e) mill-ekwini		
1015010	Muskoli	0,03 (*) (+)	
1015020	Xaħam	0,03 (*) (+)	
1015030	Fwied	0,04 (+)	
1015040	Kliewi	0,03 (*) (+)	
1015050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	0,03 (*)	
1015990	Oħrajn (2)	0,03 (*)	
1016000	(f) mill-pollam	0,03 (*)	
1016010	Muskoli	(+)	
1016020	Xaħam	(+)	
1016030	Fwied	(+)	
1016040	Kliewi	(+)	
1016050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)		
1016990	Oħrajn (2)		
1017000	(g) minn animali terrestri mrobbijin oħrajn	0,03 (*)	
1017010	Muskoli		
1017020	Xaħam		
1017030	Fwied		
1017040	Kliewi		
1017050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)		
1017990	Oħrajn (2)		

1020000	Ħalib	0,03 (*)	0,01 (*)
1020010	Bhejjem tal-ifrat	(+)	(+)
1020020	Nagħaġ	(+)	(+)
1020030	Mogħoż	(+)	(+)
1020040	Żwiemel	(+)	
1020990	Oħrajn (2)		
1030000	Bajd tal-ġhasafar	0,03 (*)	0,01 (*)
1030010	Tiġieġ	(+)	
1030020	Papri	(+)	
1030030	Wizz	(+)	
1030040	Summien	(+)	
1030990	Oħrajn (2)		
1040000	Għasel u prodotti oħrajn tal-apikultura (7)	5	0,05 (*)
1050000	Amfibji u Rettili	0,03 (*)	0,01 (*)
1060000	Annimali terrestri invertebrati	0,03 (*)	0,01 (*)
1070000	Annimali vertebrati terrestri slavaġ	0,03 (*)	0,01 (*)
1100000	PRODOTTI LI JORIĠINAW MILL-ANNIMALI – ĦUT, PRODOTTI TAL-ĦUT U KULL PRODOTT TAL-IKEL TAL-BAĦAR JEW TAL-ILMA ĦELU IEĦOR (8)		
1200000	PRODOTTI JEW PARTIJET MILL-PRODOTTI UŻATI BISS GĦALL-PRODUZZJONI TAL-GĦALF (8)		
1300000	PRODOTTI TAL-IKEL IPPROĊESSATI (9)”		

(*) Jindika limitu ta' kwantifikazzjoni analitika

(**) Il-kombinazzjoni tal-pestiċida u n-numru tal-kodiċi li għaliha japplika l-MRL stabbilit fil-Parti B tal-Anness III

(¹) Għal-lista sħiħa tal-prodotti ta' oriġini mill-pjanti u l-annimali li għalihom japplikaw l-MRLs, għandha ssir referenza għall-Anness I.

Ametoktradin (R) (F)

(R) Id-definizzjoni tar-residwi tvarja għall-kombinazzjonijiet li ġejjin tal-pestiċida u n-numru tal-kodiċi: Ametoktradin - kodiċi 1000000 minbarra 1040000: Ametoktradin, il-metabolit 4-aċidu (7-ammino-5-etil [1,2,4] triazololo, [1,5-a]pirimidin-6-il) butanojku (M650F01) u l-metabolit 6-aċidu (7-ammino-5-etil [1,2,4] triazololo [1,5-a]pirimidin-6-il) eżanojku (M650F06), espressi bħala ametoktradin

(F) solubbli fix-xaħam

L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel identifikat xi informazzjoni li kienet nieqsa dwar ir-residwi fuq l-uċuħ tar-raba' tan-newba. Meta tkun qed tirrieżamina l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza jekk titressaq sas-7 ta' Lulju 2023, u, jekk dik l-informazzjoni ma tiġix sottomessa sa dik id-data, se tieħu kont tan-nuqqas tagħha.

0500070 Segala

L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel identifikat xi informazzjoni dwar il-metodi analitiċi li mhijex disponibbli. Meta tkun qed tirrieżamina l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza jekk titressaq sas-7 ta' Lulju 2023, u, jekk dik l-informazzjoni ma tiġix sottomessa sa dik id-data, se tieħu kont tan-nuqqas tagħha.

0700000 HOPS

L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel identifikat xi informazzjoni li kienet nieqsa dwar il-provi li saru rigward ir-residwi. Meta tkun qed tirrieżamina l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza jekk titressaq sas-7 ta' Lulju 2023, u, jekk dik l-informazzjoni ma tiġix sottomessa sa dik id-data, se tieħu kont tan-nuqqas tagħha.

0220040 Basal tar-rebbiegħa/basal aħdar u basal ta' Wales

L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel identifikat xi informazzjoni li kienet nieqsa dwar ir-residwi fuq l-uċuħ tar-raba' tan-newba. Meta tkun qed tirrieżamina l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza jekk titressaq sas-7 ta' Lulju 2023, u, jekk dik l-informazzjoni ma tiġix sottomessa sa dik id-data, se tieħu kont tan-nuqqas tagħha.

0500010 Xgħir

0500050 Ħafur

0500090 Qamħ

L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel identifikat xi informazzjoni li kienet nieqsa dwar l-istabbiltà fil-ħżin u dwar studji dwar l-alimentazzjoni. Meta tkun qed tirrieżamina l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza jekk titressaq sas-7 ta' Lulju 2023, u, jekk dik l-informazzjoni ma tiġix sottomessa sa dik id-data, se tieħu kont tan-nuqqas tagħha.

1012010 Muskoli

1012020 Xaħam

1012030 Fwied

1012040 Kliewi

1015010 Muskoli

1015020 Xaħam

1015030 Fwied

1015040 Kliewi

L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel identifikat xi informazzjoni li kienet nieqsa dwar l-istabbiltà fil-ħżin. Meta tkun qed tirrieżamina l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza jekk titressaq sas-7 ta' Lulju 2023, u, jekk dik l-informazzjoni ma tiġix sottomessa sa dik id-data, se tieħu kont tan-nuqqas tagħha.

1011010 Muskoli

1011020 Xaħam

1011030 Fwied

1011040 Kliewi

1013010 Muskoli

1013020 Xaħam

1013030 Fwied

1013040 Kliewi

1014010 Muskoli

1014020 Xaħam

1014030 Fwied

1014040 Kliewi

1016010 Muskoli

1016020 Xaħam

1016030 Fwied

1016040 Kliewi

1020010 Bhejjem tal-ifrat

1020020 Nagħaġ

1020030 Mogħoż

1020040 Żwiemel
1030010 Tiġieġ
1030020 Papri
1030030 Wiżż
1030040 Summien

Dodina

L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel identifikat xi informazzjoni dwar il-metodi analitiċi li mhijiex disponibbli. Meta tkun qed tirrevedi l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza jekk titressaq sa Il-Ħadd, 24 ta' Ġunju 2018, u, jekk dik l-informazzjoni ma tiġix sottomessa sa dik id-data, se tieħu kont tan-nuqqas tagħha.

1012010 Muskoli
1012020 Xaħam
1012030 Fwied
1012040 Kliewi
1013010 Muskoli
1013020 Xaħam
1013030 Fwied
1013040 Kliewi
1014010 Muskoli
1014020 Xaħam
1014030 Fwied
1014040 Kliewi
1020010 Bhejjem tal-ifrat
1020020 Naġħaġ
